**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shawn Pawney)**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Maria Pia Zammit**

**Illum 3 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Maria Pia Zammit**, bint Alfred u Consolata neè Saywell, imwielda l-Pietà fit-2 ta' Awwissu 1984 u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 390684(M), talli:

1. Flimkien ma' persuni oħra, nhar is-17 ta' Novembru 2018, għall-ħabta tat-3:00hrs ta' filgħodu minn ġewwa ristorant bl-isem ta' Maestrale Gourmet sitwat fi Triq il-Kbira, Mġarr, ikkommettiet serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, persuna u ħin, bi ksur ta' l-Artikoli 262, 263, 268, 270 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli nhar id-29 ta' Novembru 2018, għall-ħabta tas-01:00 ta' filgħodu minn ġewwa ristorant bl-isem ta' Maestrale Gourmet sitwat fi Triq il-Kbira, Mġarr, ikkommettiet serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, persuna u ħin, bi ksur ta' l-Artikoli 262, 263, 268, 270 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U talli:

3. Nhar il-31 ta' Diċembru 2018, għall-ħabta tas-18:00hrs ta' filgħaxija minn ġewwa residenza "Royal Lodge", Flat 4A, fi Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, ikkommettiet serq ta' flus kontanti u ġojjelli, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok, bi ksur ta' l-Artikoli 263, 269 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputata wieġbet li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "LZ1", Dok. "LZ2", Dok. "LZ4" u Dok. "LZ5" a fol. 10 sa' 14 tal-proċess u Dok. "MZ1" sa' Dok. "MZ7" a fol. 15 sa' 34 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' WPS224 Susanne Mifsud mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2019[2] u x-xhieda ta' Jonathan Friggieri mogħtija waqt is-seduti ta' l-24 ta' Jannar 2019[3], tal-11 ta' Marzu 2019[4] u tat-18 ta' Settembru 2020[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "A" sa' Dok. "G" a fol. 180 sa' 280 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Francesco Tola mogħtija waqt is-seduti ta' l-24 ta' Jannar 2019[6] u tat-8 ta' Novembru 2021[7] u x-xhieda ta' l-Ispettur Shawn Pawney mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Frar 2019[8], semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Godwin Scerri mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Frar 2019[9] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GS" sa' Dok. "GS11" a fol. 105 sa' 116 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Samuel Gauci mogħtija waqt is-seduti tas-7 ta' Frar 2019[10] u tal-5 ta' Mejju 2022[11] u x-xhieda ta' PS1300 Julian Fenech[12] u WPS148 Denise Camilleri[13] mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2019, semgħet ix-xhieda ta' Frank Zarb mogħtija waqt is-seduti tal-11 ta' Marzu 2019 u ta' l-1 ta' April 2019[14] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 292 sa' 314 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS343 Glen Carabott mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Marzu 2019[15] u x-xhieda ta' PC405 Jason Schembri mogħtija waqt is-seduti ta' l-1 ta' April 2019[16] u ta' l-20 ta' Mejju 2019[17], semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Mario Xiberras[18] mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' April 2019, rat il-Procès-Verbal dwar serq minn ġewwa restaurant Maestrale Gourmet sitwat fi Triq il-Kbira, Mġarr, nhar id-29 ta' Novembru 2018 a fol. 316 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Joseph M. Azzopardi[19] u ta' l-Espert Tekniku Dr. Martin Bajada[20] mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2019 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku Dr. Martin Bajada markata Dok. "MB" a fol. 323 sa' 350 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' WPC369 Stephanie Cassar mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019[21] u x-xhieda ta' Leon Zammit mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju 2019[22], semgħet ix-xhieda tal-Prokuratur Legali Quentin Tanti, in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpanniji, mogħtija waqt is-seduti tas-27 ta' Mejju

[1] Fol. 9 tal-proċess.
[2] Fol. 44 sa' 50 tal-proċess.
[3] Fol. 51 sa' 72 tal-proċess.
[4] Fol. 175 sa' 179 tal-proċess.
[5] Fol. 506 sa' 508 tal-proċess.
[6] Fol. 73 sa' 81 tal-proċess.
[7] Fol. 552 sa' 555 tal-proċess.
[8] Fol. 91 sa' 99 tal-proċess.
[9] Fol. 100 sa' 104 tal-proċess.
[10] Fol. 144 sa' 157 tal-proċess.
[11] Fol. 568 sa' 580 tal-proċess.
[12] Fol. 158 sa' 160 tal-proċess.
[13] Fol. 161 sa' 163 tal-proċess.
[14] Fol. 290 u 291 tal-proċess.
[15] Fol. 281 u 282 tal-proċess.
[16] Fol. 285 tal-proċess.
[17] Fol. 352 u 353 tal-proċess.
[18] Fol. 286 sa' 289 tal-proċess.
[19] Fol. 320 u 321 tal-proċess.
[20] Fol. 322 tal-proċess.
[21] Fol. 354 u 355 tal-proċess.
[22] Fol. 358 sa' 366 tal-proċess.

2019[23] u tas-27 ta' Ġunju 2019[24] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "QT" a fol. 369 tal-proċess u Dok. "QT1" sa' Dok. "QT3" a fol. 376 sa' 392 tal-proċess, rat il-Procès-Verbal dwar serq minn ġewwa restaurant "Maestrale Gourmet" sitwat fi Triq il-Kbira, Mġarr, nhar it-18 ta' Novembru 2018 a fol. 371 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Dr. Anthony Cutajar[25] u ta' l-Espert Tekniku Donald Tabone[26] mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju 2019, semgħet ix-xhieda ta' PS826 Matthew Parnis mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2019[27] u x-xhieda ta' Kelsey Bonello mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Settembru 2019[28], semgħet ix-xhieda ta' Dr. Raisa Colombo[29] u rat it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija awdjo-viżwali ta' l-imputata markata bħala Dok. "RC1" a fol. 418 sa' 444 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephen Cachia[30], in rappreżentanza ta' Transport Malta, u ta' PC330 Rodlyn Shaun Azzopardi[31] mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2020 u rat id-dokument esebit minn Stephen Cachia markat Dok. "SC" a fol. 477 sa' 480 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' John Gauci mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2020[32] u x-xhieda ta' Joseph Saliba[33], in rappreżentanza ta' JobsPlus, u ta' Godwin Gauci[34] mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Awwissu 2020 u rat id-dokument esebit minn Joseph Saliba markat Dok. "JS" a fol. 498 sa' 500 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-imputata mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2021[35] u x-xhieda ta' Leana Tola[36] u ta' Alfred Zammit[37] mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2021, semgħet ix-xhieda ta' Christian Vella, in rappreżentanza ta' GasanMamo Insurance, mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2022[38] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CV" a fol. 587 u 588 tal-proċess u d-dokumenti esebiti mill-Ispettur Godwin Scerri waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022 a fol. 591 sa' 609 tal-proċess;

Rat li b'Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 22 ta' Ottubru 2020[39], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata sabiex tiġi ġġudikata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għal ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-Artikoli 261(a), 261(b), 261(ċ), 261(d), 261(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 270, 276, 277, 278, 279, 280, 281, 282, 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 261(a), 261(b), 261(ċ), 261(d), 261(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 270, 276, 277, 278, 279, 280, 281, 282, 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 261(b), 261(ċ), 261(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280, 281, 282, 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[23] Fol. 367 u 368 tal-proċess.
[24] Fol. 374 u 375 tal-proċess.
[25] Fol. 394 u 395 tal-proċess.
[26] Fol. 396 u 397 tal-proċess.
[27] Fol. 404 u 405 tal-proċess.
[28] Fol. 407 sa' 411 tal-proċess.
[29] Fol. 416 u 417 tal-proċess.
[30] Fol. 475 u 476 tal-proċess.
[31] Fol. 481 u 482 tal-proċess.
[32] Fol. 487 u 488 tal-proċess.
[33] Fol. 497 tal-proċess.
[34] Fol. 501 u 502 tal-proċess.
[35] Fol. 532 sa' 550 tal-proċess.
[36] Fol. 556 sa' 558 tal-proċess.
[37] Fol. 559 sa' 562 tal-proċess.
[38] Fol. 581 sa' 586 tal-proċess.
[39] Fol. 510 u 511 tal-proċess.

Rat li fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020[40], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u wara li l-imputata ddikjarat li ma għandhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli;

Rat li fuq talba tad-Difiża l-Qorti ordnat li jitħejjia Social Inquiry Report fir-rigward ta' l-imputata[41], liema ordni però ġie revokat stante li mix-xhieda mogħtija mill-Uffiċjal tal-Probation Leon Farrugia waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2022[42], irriżulta li l-imputata naqset milli tattendi għall-appuntamenti ffissati lilha;

Rat li waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2022, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li tistrih fuq l-atti u d-Difiża talbet żmien sabiex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub;

Rat li għalkemm id-Difiża ngħatat terminu sat-13 ta' Jannar 2023 għall-preżentata tan-Nota ta' Sottomissjonijiet, din baqgħet qatt ma ġiet ippreżentata;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tiġi mixlija talli: (1) flimkien ma' persuni oħra, nhar is-17 ta' Novembru 2018, għall-ħabta tat-3:00hrs ta' filgħodu minn ġewwa ristorant bl-isem ta' Maestrale Gourmet sitwat fi Triq il-Kbira, Mġarr, ikkommettiet serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, persuna u ħin, bi ksur ta' l-Artikoli 262, 263, 268, 270 u 279(b), tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) kif ukoll talli nhar id-29 ta' Novembru 2018, għall-ħabta tas-01:00 ta' filgħodu minn ġewwa ristorant bl-isem ta' Maestrale Gourmet sitwat fi Triq il-Kbira, Mġarr, ikkommettiet serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, persuna u ħin, bi ksur ta' l-Artikoli 262, 263, 268, 270 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u talli: (3) nhar il-31 ta' Diċembru 2018, għall-ħabta tas-18:00hrs ta' filgħaxija minn ġewwa residenza "Royal Lodge", Flat 4A, fi Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, ikkommettiet serq ta' flus kontanti u ġojjelli, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-lok, bi ksur ta' l-Artikoli 263, 269 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputata wieġbet li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha.

B'Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 22 ta' Ottubru 2020[43], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata sabiex tiġi ġġudikata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għal ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-Artikoli 261(a), 261(b), 261(ċ), 261(d), 261(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 270, 276, 277, 278, 279, 280, 281, 282, 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 261(a), 261(b), 261(ċ), 261(d), 261(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 270, 276, 277, 278, 279, 280, 281, 282, 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 261(b), 261(ċ), 261(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280, 281, 282, 284, 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[40] Fol. 572 tal-proċess.
[41] Fol. 610 tal-proċess.
[42] Fol. 617 u 618 tal-proċess.
[43] Fol. 510 u 511 tal-proċess.

4. Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputata:**

Mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputata u mill-atti proċesswali u l-provi prodotti, jirriżulta ferm ċar li l-każ odjern jittratta dwar ir-reat ta' serq - skond il-Prosekuzzjoni mwettaq fi tlett dati distinti, ossia fis-17 ta' Novembru 2018 u fid-29 ta' Novembru 2018 mill-Maestrale Gourmet fi Triq il-Kbira, Imġarr, u fil-31 ta' Diċembru 2018 mill-fond Royal Lodge, Flat 4A, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar - ikkwalifikat, in kwantu rigwarda l-ewwel żewġ imputazzjonijiet, bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-valur, bil-persuna u bil-ħin, u in kwantu rigwarda t-tielet imputazzjoni bil-mezz, bil-valur u bil-lok.

Fir-rigward ir-reat ta' serq il-Kodiċi Kriminali tagħna ma jagħti ebda definizzjoni ta' dan ir-reat iżda l-elementi essenzjali għas-sussistenza ta' l-istess huma ormai ben stabbiliti fis-sistema ġuridika nostrali u huma derivanti mill-insenjament tal-ġurista Carrara, li jiddefinixxi r-reat ta' serq bħala *la contrettazione dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro.*

Il-Professur Sir Anthony Mamo jgħallem illi *our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara* u l-elementi materjali u formali tar-reati derivanti minn tali definizzjoni huma ħamsa, ossia *1. The contrectatio of a thing, 2. belonging to others, 3. made fraudulently, 4. without the consent of the owner, 5. animo lucrandi.* Huma dawn l-elementi li jridu jiġu ppruvati sabiex persuna mixlija bir-reat ta' serq effettivament tinstab ħatja ta' l-istess. Jiġi osservat ukoll li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza nostrali li r-reat ta' serq huwa kkonsmat u jissussisti fl-elementi kollha tiegħu fil-mument li *la cosa fosse anche spostata dal luogo in cui originariamente si trovava*, irrispettivament mir-ritorn eventwali tar-*res furtiva.* Kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Kevin Tonna, Każ. Nru. 101/2020** deċiża fit-8 ta' Frar 2022, *il-ġuristi Taljani huma konkordi li għall-prova ta' dan l-element formali tar-reat, irid jintwera li l-att illeċitu jkun sar bid-dolo speċifiku cioè bil-konoxxenza u volontà ta' l-aġent li jakkwista xi vantaġġ għalih jew għal ħaddieħor:- "… nella nozione di profitto rientra qualsiasi utilità o sodisfazione, anche puramente morale, che l'agente intenda ricavare dall'impossessamento della cosa".*

In kwantu l-kwalifiki għar-reat ta' serq rilevanti u pertinenti għall-proċeduri odjerni, il-Liġi tipprovdi s-segwenti:

<u>Vjolenza numerika</u> - Artikolu 262(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *Is-serq huwa ikkwalifikat bil-'vjolenza' - … (b) meta l-ħalliel jippreżenta ruħu armat, jew meta l-ħallelin, għad li ma jkunux armati jippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn.*

<u>Mezz</u> - Artikolu 263(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *Is-serq huwa kkwalifikat bil-'mezz' - (a) meta jsir bi ksur ta' ġewwa jew ta' barra b'imfietaħ foloz, jew bi skalata.*

Artikolu 266 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *(1) Id-dħul f'wieħed mill-postijiet imsemmijin fl-artikolu 264* (dar jew f'lok ieħor jew f'reċint) *minn band'oħra barra milli mill-bibien li ordinarjament qegħdin għaldaqshekk, sew jekk id-dħul isir bil-mezz ta' sellum jew ta' ħabel, jew b'xi mezz ieħor, kemm bil-għajnuna tal-ġisem ta' bniedem ieħor, inkella billi b'xi mod wieħed jixxabbat biex jitla' jew jinżel, kif ukoll id-dħul minn*

*fetħa taħt l-art barra milli minn dik li qiegħda għad-dħul, jitqies "skalata". (2) Għall-finijiet tal-piena, jitqies ukoll li hemm "skalata" meta l-ħati, għalkemm ikun daħal f'wieħed mill-postijiet hawn fuq imsemmija minn xi daħla li tkun qiegħda għaldaqshekk, joħroġ minnha b'xi wieħed mill-mezzi hawn fuq imsemmija.*

Valur - Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *Is-serq huwa kkwalifikat bil-'valur', meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).*

Persuna - Artikolu 268(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *Is-serq huwa kkwalifikat bil-'persuna': (a) meta jsir, f'kull lok li jkun, mis-seftur bi ħsara tas-sid, jew bi ħsara ta' barrani, jekk biex jagħmel is-serq tkun swietlu ta' għajnuna l-kwalità vera jew falza ta' seftur: taħt l-isem ta' "seftur" tidħol kull persuna impjegata ma' ħaddieħor b'salarju jew bi ħlas ieħor, sew jekk din il-persuna tkun toqgħod jew le fid-dar mas-sid tagħha.*

Lok - Artikolu 269(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *Huwa kkwalifikat bil-'lok' is-serq li jsir - … (g) f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha.*

Ħin - Artikolu 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *Huwa kkwalifikat bil-'ħin' is-serq li jsir bil-lejl, jiġifieri, bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx.*

L-imputata qed tiġi mixlija li wettqet ir-reati addebitati lilha flimkien ma' persuni oħra. Mill-provi prodotti jirriżulta li dawn il-persuni oħra kienu Leon Zammit, iben l-imputata, u Samuel Gauci, ħabib ta' Leon Zammit. Leon Zammit kien ġie mixli u tressaq flimkien ma' l-imputata għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri, iżda waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar 2019[44] (ossia dakinhar li tressaq il-Qorti taħt arrest) huwa ammetta għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, kien hemm is-separazzjoni tal-ġudizzju bejn il-proċeduri tiegħu u ta' l-imputata, u eventwalment huwa ġie issentenzjat a bażi ta' l-ammissjoni tiegħu. Samuel Gauci wkoll tressaq in konnessjoni ma' dawn ir-reati, ammetta għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih u ġie issentenzjat ukoll.

Kemm Leon Zammit kif ukoll Samuel Gauci xehdu f'dawn il-proċeduri. **Leon Zammit**, illi xehed fis-seduta 27 ta' Mejju 2019[45], ipprova jgħatti għall-imputata iżda finalment spiċċa biex ikkonferma li fis-serqiet mill-Maestrale Gourmet li seħħew fis-17 ta' Novembru 2018 u fid-29 ta' Novembru 2018 kienet involuta, flimkien miegħu u ma' Samuel Gauci, ukoll l-imputata li, apparte li kienet magħhom dakinhar tas-serqiet, kienet qaltlu fejn seta' jsib il-flus ġewwa ir-restaurant. In kwantu rigwarda l-ammont misruq, huwa kien evasiv ħafna. Ikkonferma biss li lil Samuel Gauci tawh €300 kull darba iżda bħala valur totali baqa' jevadi l-mistoqsijiet li sarulu u kkonferma biss li bħala total kien hemm xi €3,000 tas-serqiet flimkien. In kwantu rigwarda s-serqa li seħħet fil-31 ta' Diċembru 2018 mill-fond "Royal Lodge" Flat 4A, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, Leon Zammit saħaq li dik is-serqa kienet ideja tiegħu biss u l-imputata dakinhar ma kenitx miegħu u ma kienet taf b'xejn.

**Samuel Gauci**, illi xehed fis-seduta tas-7 ta' Frar 2019[46], ukoll ikkonferma li fis-serqiet mill-Maestrale Gourmet mertu ta' dawn il-proċeduri kienu involuti Leon Zammit, l-imputata u hu. Spjega li l-involviment tiegħu kien li jwassal lil Leon Zammit u lill-imputata l-Imġarr u fir-rigward xehed *mela kien hemm Maria u Leon involuti, jiena*

[44] Vide verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2019 a fol. 5 u 6 tal-proċess.
[45] Fol. 358 sa' 366 tal-proċess.
[46] Fol. 144 sa' 157 tal-proċess.

*wassalthom l-Imġarr, niżlu minn ġol-karozza u marru jagħmlu li kellhom jagħmlu.* Mistoqsi x'marru jagħmlu, huwa wieġeb *marru jisirqu mill-Maestrale.* Mistoqsi minn kien qabbdu biex jagħmilha ta' xufier f'dawn iż-żewġ okkazzjonijiet, Samuel Gauci wieġeb *Maria kienet tkun taf fejnhom l-affarijiet, kienet qalet lil Leon imbagħad Leon kien qal lili.* Mistoqsi kif kien jaf li l-imputata kienet taf fejnhom l-affarijiet, wieġeb *għaliex kienet taħdem hemmhekk.* Huwa stqarr li ġewwa r-restaurant kien daħal Leon, filwaqt li l-imputata baqgħet barra u imbaghad hi u Leon Zammit irritornaw lura ġol-karozza bir-refurtiva. Dwar kemm ħa flus minn dawn iż-żewġ serqiet, Gauci ddikjara li hu ħa €300 minn kull serqa u peress li darba minnhom kien hemm ħuh magħhom, dan ħa €100. Dwar l-ammont totali ta' flus misruq mill-Maestrale Gourmet, Samuel Gauci ma setgħax jgħid eżatt skontu ma kienx hemm iktar minn €1,100, għaliex hekk qalulu Leon Zammit u l-imputata.

In kontro-eżami[47] Samuel Gauci tenna li l-imputata kienet miegħu u ma' Leon Zammit meta marru biex iwettqu s-serqiet mill-Maestrale Gourmet. Ikkonferma wkoll li daħal jisraq Leon Zammit filwaqt li l-imputata baqgħet barra, faċċata tar-restaurant tistennieh. In ri-eżami mistoqsi x'kienet ir-raġuni għalfejn l-imputata marret magħhom, huwa wieġeb *kienet bħala look out ... ta' Leon.* Mistoqsi in kontro-eżami ulterjuri x'ried ifisser bl-imputata toqgħod *look out*, Samuel Gauci ddikjara *toqgħod għassa ... tal-Pulizija.* Mistoqsi għalfejn marru proprju fil-Maestrale Gourmet, għad illi fl-akkwati kien hemm ħafna iktar restaurants, Gauci wieġeb *għax kienet taħdem hemm Maria.*

In verità l-**imputata** stess ammettiet li kienet preżenti għat-tlett serqiet li qed tiġi akkużata bihom, inkluża dik mir-Royal Lodge, Flat 4A, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, nhar il-31 ta' Diċembru 2018, iżda tipprova tikkontendi li hija ma kenitx taf li l-iskop ta' binha Leon Zammit kien li jisraq mill-Maestrale Gourmet u mill-flat 4A, Royal Lodge, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar.

Fix-xhieda li tat waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2021[48], l-imputata stqarret li fiż-żmien tas-serqiet hija kienet taħdem il-Maestrale Gourmet bħala cleaner u waitress, versu ħlas. Ikkonfermat li s-serqiet seħħew u li l-persuna li attwalment daħal ġewwa r-restaurant jisraq kien binha Leon Zammit. Stqarret però li dakinhar tas-serqiet, għad illi kienet ma' binha u ma' Samuel Gauci meta telgħu l-Imġarr u waqfu ħdejn ir-restaurant, u li baqgħet barra waqt li Leon kien ġewwa r-restaurant, hija ma kenitx taf għalfejn kienu qegħdin hemm. Mistoqsija kenitx taf binha x'kien se jagħmel dakinhar tas-serqiet, l-imputata wieġbet *dak il-ħin le. Wara mbagħad sirt naf jiena għax kien qalli Leon.* Minkejja dan, fl-istess nifs tgħid li wara li Leon ħareġ mir-restaurant bir-refurtiva f'idju, hija ħadet €500 għad illi tikkontendi li dan ġara wara xi ġranet mis-serqiet.

Għal dak li jirrigwarda s-serqa li seħħet fil-31 ta' Diċembru 2018 mill-flat 4A, Royal Lodge, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, l-imputata kkonfermat li dakinhar kienet ma' binha, li kien binha li daħal fil-fond u hi baqgħet barra tistennieh. Skond l-imputata, Leon Zammit kien daħal f'dik ir-residenza biex jara jsibx xi droga u li skontha meta ħareġ minn hemm kellu f'idu xi ħaxixa. Hawn ukoll tinsisti li hija ma kenitx taf x'kellu f'moħħu Leon u li seta' serqa xi flus jew ġojjelli minn hemm.

[47] Seduta tal-5 ta' Mejju 2022, fol. 568 sa' 580 tal-proċess.
[48] Fol. 532 sa' 550 tal-proċess.

Għalkemm l-imputata tipprova tiżloq minn kull responsabilità kriminali dwar is-serqiet li qed tiġi mixlija bihom, il-Qorti assolutament ma temminx il-verżjoni tagħha in kwantu din hija kontradetta u għal kollox imxejna mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti assolutament ma tistax temmen lill-imputata meta tgħid li hija kienet għal kollox estraneja għas-serqiet u li dawn kienu pjan ta' binha Leon Zammit dwar liema hija ma kienet taf b'xejn, meta, apparte dak affermat mill-istess Leon Zammit u Samuel Gauci li kjarament qalu li l-imputata kienet parteċipi fil-pjanifikazzjoni tas-serqiet u tat informazzjoni partikolarment dwar il-flus ġewwa l-Maestrale Gourmet fejn kienet taħdem bħala cleaner u waitress, mill-provi l-oħra prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li: (a) hija telgħet l-Imġarr flimkien ma' binha Leon Zammit u ma' Samuel Gauci fis-siegħat bikrin ta' filgħodu meta l-Maestrale Gourmet kien magħluq; (b) ipparkjaw viċin ir-restaurant, Leon ħareġ mill-vettura u mar lejn l-istess restaurant u hija ħarġet barra mill-vettura wkoll u marret faċċata tar-restaurant bħala *look out* għal Leon sakemm huwa dam ġewwa r-restaurant; (c) Leon daħal fir-restaurant mill-fire exit li ma kenitx id-daħla li wieħed normalment jgħaddi minnha biex jidħol fir-restaurant u ma kien hemm l-ebda taqlib fir-restaurant u l-ħalliel mar direttament fejn kien hemm is-safe, ossia kaxxa bil-flus, fil-basement u għall-flus taħt il-cash register u għall-flus fil-cash register, proprio fil-ġranet meta kien hemm il-flus lesti biex jitħallsu d-deliveries; (d) hija ħadet flus mingħand Leon wara li daħal fir-restaurant in kwistjoni; (e) hija u Leon marru flimkien fi Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, fejn hemm il-fond Royal Lodge, li ma huwiex ir-residenza tagħhom iżda ta' Francesco Tola u martu u kienet taf li Leon kien ser jidħol fil-flat numru 4A biex jisraq minn hemm; (f) din id-darba wkoll hija baqgħet tistenna lil Leon barra l-fond sakemm huwa daħal u reġa' ħareġ minn hemmhekk u f'din l-okkazzjoni wkoll ma kien hemm l-ebda taqlib u Leon, apparti flejjes u ġojjelli appartenenti lil Tola, seraq ammont ta' flus appartenenti lill-Maestrale Gourmet iżda miżmuma minn Tola proprio minħabba s-serqiet preċedenti.

Fid-dawl ta' l-assjem tal-provi prodotti jirriżulta li l-imputata fil-fatt hija ko-awtur, flimkien ma' binha Leon Zammit, għas-serqiet kollha mertu ta' dawn il-proċeduri.

Kif huwa ormai assodat fis-sistema ġuridika nostrali sabiex imputat/a jista' jinstab li huwa ko-awtur fid-delitti mertu tal-proċeduri *jrid jirriżulta sodisfaċjentement ippruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, illi kien hemm il-parteċipazzjoni materjali tiegħu ma' l-eżekutur jew eżekuturi dirett/i ta' l-att li bih kien ikkonsumat ir-reat, iżda u fuq kollox illi huwa ppresta l-ko-operazzjoni diretta u essenzjali għall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan bejn tnejn jew aktar persuni għall-fini li jiġi kommess id-delitt. Mankanti din l-intenzjoni u cioè dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar persuni, allura ma jistax jingħad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tieħu l-ħajja. Kwindi jrid jiġi ppruvat sal-grad taċ-ċertezza morali illi 'bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-ħsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt. Dak allura illi jrid jirriżulta mhuwiex biss l-att materjali li jindika l-presenza fiżika ta' l-akkużat fuq il-post tad-delitt għaliex dan l-element waħdu ma jistax jistabilixxi r-reità, iżda wkoll irid jirriżulta illi huwa jkun ha sehem attiv fil-kommissjoni tar-reat u wkoll illi kien hemm anke l-imsejjaħ 'common design' bejn il-malviventi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Il-fatt maerjali waħdu li persuna tkun għenet biss fil-kommissjoni tad-delitt għalhekk ma jistax iwassal għall-figura tal-ko-awtur, iżda għal dak tal-kompliċi billi kif ingħad il-ko-awtur irid neċessarjament ikun ħa sehem attiv fil-kommissjoni tad-delitt u mhux sempliċement offra l-għajnuna tiegħu fil-preparazzjoni għall-kommissjoni tar-reat jew sabiex l-att materjali ta' l-eżekuzzjoni*

*tad-delitt jirnexxi. Dan ifisser allura meta applikat għall-fattispecje ta' dan il-każ illi: "Jekk hemm il-ħsieb bejn żewġ persuni, wieħed huwa l-awtur, dak li fil-fatt jispara u l-ieħor li jkun miegħu li ma jisparax, ġaladarba għandu l-istess ħsieb li joqtlu, u la qiegħed hemm jieħu parti attiva, f'dak il-każ it-tieni persuna li ma tisparax li qed tieħu parti attiva hija l-ko-awtur. Il-korreu mhux ristrett għal dak biss li kien l-esekutur dirett ta' l-att konsumattiv iżda jikkomprendi anke dawk li jipparteċipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali għall-esekuzzjoni tar-reat*[49].

Applikati dawn il-prinċipji għall-fattispecie tal-każ in eżami kif jirriżultaw mill-provi prodotti, il-Qorti ttenni li l-imputata kjarament kienet ko-awtur flimkien ma' binha fis-serqiet kollha li qed tiġi mixlija bihom u dana billi mhux biss ippjanat is-serqiet miegħu iżda kienet hi, tramite x-xogħol tagħha ġewwa l-Maestrale Gourmet, li tatu l-informazzjoni ta' meta jkun hemm il-flus u fejn ikunu miżmuma dawn il-flus. Oltre minn hekk, waqt l-esekuzzjoni effettiva tas-serqiet da parte ta' Leon Zammit, hija kienet tibqa' barra bħala *look out* sakemm huwa jkun ġewwa jisraq il-flus.

In kwantu rigwarda l-kwalifiki tar-reat ta' serq kif dedotti fil-konfront ta' l-imputata, dawn ukoll jirriżultaw ippruvati lil hinn minn kull dubju raġonevoli da parte tal-Prosekuzzjoni.

Għal dak li jirrigwarda l-**kwalifika tal-vjolenza**, f'dan il-każ hija l-vjolenza numerika ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, relattivament għas-serqiet mill-Maestrale Gourmet nhar is-17 ta' Novembru 2018 u nhar id-29 ta' Novembru 2018, din tirriżulta ippruvata in kwantu dakinhar tas-serqiet ippreżentaw ruħhom tlieta min-nies, ossia Leon Zammit, Samuel Gauci u l-imputata. Għalkemm Gauci u l-imputata ma daħlux ġewwa r-restaurant flimkien ma' Leon Zammit, b'Gauci jibqa' fil-karozza u l-imputata toqgħod bħala *look out* faċċata tar-restaurant, il-presenza ta' l-imputata u Gauci barra waqt li Leon Zammit qed jisraq minn ġewwa, hija suffiċjenti biex tirriżulta tali kwalifika tal-vjolenza numerika.

Fir-rigward issir referenza għal dak osservat mill-Qorti Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Bernice Camilleri** deċiża fid-29 ta' April 2022: *din il-kwalifika* [ossia l-kwalifika tal-vjolenza numerika] *issib applikazzjoni meta l-ħalliel jippreżenta ruħu armat, jew meta l-ħallelin, għad li ma jkunux armati, jippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn. Din il-Qorti tqis li din il-kwalifika trid tinqara mhux biss b riferenza għall-effett ta dak li l-preżentata tal-ħalliel armat jew f numru t iżjed minn tnejn ikollu fuq il-vittma. Iżda trid tittieħed b mod partikolari fil-kuntest tal-istat psikiku tal-ħalliel innifsu. Din il-kwalifika hija partikolarment serja in kwantu l-effett tagħha huwa dak li jsaħħaħ il-posizzjoni tal-ħalliel filkonfront tal-vitma tiegħu, sija jekk huwa jkun armat sija jekk huwa jmur fuq il-post tas-serqa akkumpanjat f numru ta iżjed minn żewġ persuni. F dan il-każ ma jirriżultax mill-provi li l-ħalliel preżenta ruħu armat. Iżda mill-banda l-oħra jirriżulta li fuq il-post fejn il-vittmi diżenjati kienu ġew identifikati f dan il-każ Chalie Brincat ma kienx waħdu. Chalie Brincat kien akkumpanjat minn żewġ persuni oħra meta huwa wasal fuq il-post fejn kien hemm il-vittmi tiegħu. Huwa minnu li huwa kien waħdu meta mar jaħtaf il-handbags ta Garrone u ta Cassar. Iżda huwa daqstant ieħor minnu li l-kunfidenza tiegħu kienet imsaħħa bil-fatt li huwa kien jaf li fuq dak il-post tad-delitt ma kienx waħdu fil-*

[49] Ir-Repubblika ta' Malta v. Richard Grech, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-31 ta' Ottubru 2018. Il-Pulizija v. Carmelo Agius et, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Mejju 2022. Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-14 ta' Diċembru 2004.

*kommissjoni ta  dawk is-serqiet tant li ftit metri l-bogħod kellu iżjed minn persuna waħda mhux biss wasluh fuq il-post, iżda kienu qed jistennewħ fil-vettura li kienet qed tistennieh biex biha jaħrab minn fuq il-post. Kien jaf li jekk kellu bżonn l-għajnuna kien hemm tnejn minn nies oħra li setgħa jafda fihom. U dan il-fatt kien biżżejjed biex isaħħaħlu l-kuraġġ u ddeterminazzjoni li jwettaq ir-reat f dak il-post fejn wetqu.*

In kwantu rigwarda l-**kwalifika tal-mezz** ai termini ta' l-Artikoli 263(a) u 266 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, din ukoll tirriżulta pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni fir-rigward tas-serqiet mill-Majjistrale Gourmet, iżda l-istess ma jistax jingħad fir-rigward tas-serqa mill-fond Flat 4A, Royal Lodge, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar.

Mix-xhieda mogħtija minn WPS 224 Susanne Mifsud, illi kienet is-Surġent li marret fuq il-post dakinhar li ġiet irrapprutata s-serqa tad-29 ta' Novembru 2018 mill-Maestrale Gourmet, minn Jonathan Friggieri, il-Manager tal-Maestrale Gourmet, u anke mill-filmati tas-sistema ta' CCTV cameras li nġabru fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tal-Pulizija u fil-kuntest ta' l-Inkjesti Maġisterjali, jirriżulta li l-ħalliel, li llum nafu li kien Leon Zammit, ħa aċċess għal ġor-restaurant billi: (a) fis-17 ta' Novembru 2018 jidher jinżel mill-fire exit, minn ħadida li togħla, u jinżel minnha sakemm wasal ħdejn is-safe - daħla din mhux solitament utilizzata biex wieħed jidħol fir-restaurant; u (b) fid-29 ta' Novembru 2018, tela' ma' bieb tal-ħadid ta' l-istess fond li jagħti għal Triq Dun Edgar, l-Imġarr, u imbagħad minn hemm niżel ġewwa l-istess restaurant fejn kienu l-flus li ittieħdu minnu. Għaldaqstant, hawn il-kwalifika tal-mezz tirriżulta debitament ippruvata, ossia ppruvata lil hinn minn kull dubju raġonevoli.

Għal dak li jirrigwarda s-serqa mill-Flat 4A, Royal Lodge, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, Leon Zammit kien ammetta għall-akkuża tas-serq ikkwalifikat bil-mezz, fost kwalifiki oħra, minn dan il-fond, u l-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ fejn l-imputata kien taf b'dak li kien ser jagħmel Leon Zammit, ossia li b'xi mod jikseb aċċess ġewwa residenza li ma kenitx tagħhom biex b'hekk jidħol jisraq, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 45 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi li: *meta żewġ persuni jew aktar jieħdu sehem f delitt, kull att magħmul minn waħda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew kompliċi, u li jkun jagħmel iżjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss (a) lill-persuna li tagħmel l-att; (b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u (ċ) ) lill-persuna li, għad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qiegħed isir, u għad li kienet tista  timpedih, ħallietu jsir,* din il-kwalifika tissussisti wkoll fil-konfront ta' l-imputata.

Għal dak li jirrigwarda l-**kwalifika tal-valur**, il-Qorti tqis li minkejja d-dubji li ppruvat toħloq id-Difiża dwar il-*quantum* ta' dak li effettivament insteraq mill-Maestrale Gourmet, il-Prosekuzzjoni xorta waħda rnexxielha tipprova tali kwalifika lil hinn minn kull dubju raġonevoli. Jiġi osservat li sabiex tissussisti din il-kwalifika għar-reat tas-serq, il-ħaġa misruqa, inkluż għalhekk flus, trid tkun tiswa iktar minn €232.94. Mill-provi prodotti jirriżulta li biss biss Samuel Gauci <u>waħdu</u> ħa €300 f'kull okkazzjoni li seħħet serqa mill-Maestrale Gourmet u minn dan isegwi għalhekk li ċertament insterqu flus f'ammont ferm iktar minnhekk f'kull okkazzjoni, bil-konsegwenza li l-kwalifika tal-valur tissussisti u ġiet, kif ingħad, debitament ippruvata f'kull waħda miż-żewġ okkazzjonijiet meta nsterqu flus mill-imsemmi restaurant.

In kwantu rigwarda l-*quantum* ta' dak li effettivament insteraq, il-Qorti hija iktar konvinta minn, u b'hekk propensa li iktar temmen, il-verżjoni kif mogħtija u sostnuta minn Jonathan Friggieri, Manager tal-Maestrale Gourmet, milli l-allegazzjonijiet

sollevati mid-Difiża. Jonathan Friggieri ma tax figuri fl-ajru iżda ressaq provi fir-rigward[50] biex juri li l-ammonti minnu indikati, ossia madwar €6,000 li nsterqu fis-17 ta' Novembru 2018, madwar €3,800 li nsterqu fid-29 ta' Novembru 2018 u madwar €3,000 li nsterqu mill-flat 4A, Royal Lodge, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, ossia r-residenza ta' Francesco Tola li kien qed iżomm il-flejjes għandu wara s-serqiet preċedenti, kienu ammonti reali u mhux eżaġerati u kienu l-ammonti li effettivament insterqu fiż-żewġ okkazzjonijiet.

Għalkemm id-Difiża tallega li l-ammonti mogħtija minn Friggieri ma jirriflettux dak li verament insteraq u ngħataw dawk il-figuri biex jiġu sostnuti dikjarazzjonijiet *inflated* li saru ma' l-assikurazzjoni u *claims* relattivi, mix-xhieda tar-rappreżentant ta' GasanMamo Insurance[51], l-assikurazzjoni ta' Francis Zarb, sid il-Maestrale Gourmet, u id-dokumenti ta' l-istess assikurazzjoni[52], jirriżulta li bejn Francis Zarb u l-assikurazzjoni kien hemm Policy Limit li kien ta' €1,000 *limit of money outside business hours in safe* u €250 *limit of money outside safe outside business hours* u €1,000 *limit to money in private residence*[53]. Una volta li ma kienx hemm possibilità li Francis Zarb jitħallas iktar mill-limiti imposti mill-assikurazzjoni, ossia total ta' €2,250 għat-tlett serqiet in kwistjoni, ma jagħmel assolutament ebda sens loġiku li fil-*claims* ma' l-assikurazzjoni l-ammonti jiġu *inflated* bl-iskop li jiġi perċepit ħlas għola.

Għalkemm ukoll id-Difiża tistrih fuq dak affermat minn Samuel Gauci li fiż-żewġ okkazzjonijiet ta' serq mill-Maestrale Gourmet, l-ammont totali li nsteraq kien ta' madwar €1,000/€1,100, dak minnu affermat ma jistax jitqies bħala prova sodisfaċenti għar-raġuni li hu personalment ma kienx għadd il-flus imma kienu l-imputata u Leon Zammit li għaddew il-flus fuq wara tal-karozza, fejn Gauci ma setgħax jara eżatt x'kienu u kemm kienu qed jgħoddu, u kienu huma li qalulu li l-ammont totali kien ta' madwar €1,000/€1,100. Fin-nuqqas ta' verifika diretta ta' Gauci li fil-fatt il-flus mgħaduda kienu jammontaw għal madwar €1,000/€1,100, dak minnu affermat fuq li qallu ħaddieħor ftit li xejn jista' jitqies li għandu valur probatorju. Apparte minn hekk Leon Zammit stess semma diversi ammonti kemm fil-kors ta' l-investigazzjoni tal-Pulizija kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti u għaldaqstant hawn ukoll fir-rigward tal-*quantum* misruq, iktar jirriżulta kredibbli Jonathan Friggieri milli l-imputat, Samuel Gauci u Leon Zammit.

In kwantu rigwarda s-serqa mill-fond Flat 4A, Royal Lodge, Triq is-Sajjieda, San Pawl il-Baħar, Francesco Tola[54] kien xehed li apparte l-flus tal-Maestrale Gourmet li kienu kustoditi għandu, insterqu wkoll xi flejjes f'ammont ta' €500 u ġojjelli appartenenti lilu personalment, affermazzjoni din li ma ġietx kontradetta mill-imputata.

Għaldaqstant, jiġi ribadit li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-kwalifika tal-valur, li di più jeċċedi s-somma ta' €2,329.37, għar-reati ta' serq kollha li bihom qed tiġi mixlija l-imputata.

In kwantu rigwarda l-**kwalifika tal-persuna** ai termini ta' l-Artikolu 268(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tosserva li hija l-imputata stess, oltre xhieda oħra ta' terzi

[50] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduti ta' l-24 ta' Jannar 2019 (fol. 51 sa' 72 tal-proċess(, tal-11 ta' Marzu 2019 (fol. 175 sa' 179 tal-proċess) u tat-18 ta' Settembru 2020 (fol. 506 sa' 508 tal-proċess) u d-dokumenti markati Dok. "A" sa' Dok. "G" a fol. 180 sa' 280 tal-proċess
[51] Xhieda mogħtija minn Christian Vella waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2022, fol. 581 sa' 586 tal-proċess
[52] Dok. "CV" a fol. 587 u 588 tal-proċess u d-dokumenti a fol. 593 sa' 609 tal-proċess.
[53] Fol. 609 tal-proċess.
[54] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2019, fol. 73 sa' 81 tal-proċess.

bħal ad eżempju Jonathan Friggieri u Francesco Tola, li ddikjarat u kkonfermat li fiż-żmien tas-serqiet mertu ta' dawn il-proċeduri hija kienet taħdem bi ħlas bħala cleaner u waitress il-Matestrale Gourmet. Fid-dawl ta' dan għalhekk din il-kwalifika ukoll tirriżulta ppruvata lil hinn minn kull dubju raġonevoli fil-konfront ta' l-imputata.

Għal dak li jirrigwarda l-**kwalifika tal-ħin**, li ngħatat biss fir-rigward tas-serqiet mill-Maestrale Gourmet, hawn ukoll il-Qorti tqis li din ġiet ippruvata lil hinn minn kull dubju raġonevoli mill-Prosekuzzjoni u dana partikolarment mill-filmati eżaminati mill-Espert Donald Tabone[55] ghall-fini tas-serqa li seħħet fis-17 ta' Novembru 2018, f'dan il-każ anke kkunsidrata d-diskrepanza li hemm bejn *real time* u *multiplexer date and time,* u mill-Espert Dr. Martin Bajada[56] għall-fini tas-serqa li seħħet fid-29 ta' Novembru 2018, li juru biċ-ċar li entrambe s-serqiet seħħew fis-siegħat bikrin ta' filgħodu.

In kwantu rigwarda l-**kwalifika tal-lok** ai termini ta' l-Artikolu 269(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li ngħatat biss fir-rigward tas-serqa mill-fond flat 4A, Royal Lodge, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Baħar, din ukoll ġiet ippruvata lil hinn minn kull dubju raġonevoli mix-xhieda ta' Francesco Tola li ddikjara li l-imsemmi fond huwa, jew ta' l-inqas fiż-żmien in kwistjoni kien, ir-residenza privata tiegħu u ta' martu Leana Tola.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk jirriżulta li l-imputata hija ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li bihom qed tiġi mixlija l-imputata u li tagħhom qed tinstab ħatja iżda ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-fedina penali ta' l-imputata esebita a fol. 16 tal-proċess hija netta. Ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-reati mertu ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputata jikkostitwixxu reat kontinwat ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u li bejn tali reat kontinwat u r-reat mertu tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata, limitatament però għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur u bil-lok, hemm il-konkors ta' reati u pieni ai termini ta' l-Artikolu 17 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tqis li l-imputata għandha wkoll tkun kostretta tħallas lura ammont mill-flus li insterqu mill-Maestrale Gourmet, iżda peress illi hija ma agixxietx waħdeha, anzi involut magħha f'ugwal mod kien hemm binha Leon Zammit, tali ħlas lura ma għandux ikun ta' l-ammont intier iżda ta' parti minnu, senjatament ta' nofs l-ammont misruq wara li jitnaqqas dak li l-assikurazzjoni aċċettat li tħallas - €6,000[57] + €3,800[58] + €3,000[59] = €12,800 - €2,250[60] = €10,550/2 = €5,275.

**Decide:**

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 31, 261(a)(b)(ċ)(d)(e)(f), 262(1)(b), 263(a), 266, 267, 268(a), 269(g), 270, 276, 277(b), 279(b), 280(2) tal-Kap.9

---

[55] Fl-Atti ta' l-Inkjesta esebita a fol. 371 tal-proċess.
[56] Dok. "MB" a fol. 323 sa' 350 tal-proċess.
[57] Serqa tas-17 ta' Novembru 2018.
[58] Serqa tad-29 ta' Novembru 2018.
[59] Serqa tal-31 ta' Diċembru 2018.
[60] Flus li l-assikurazzjoni aċċettat li tħallas.

tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha u tikkundannaha għal sentejn (2) priġunerija iżda, billi l-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputata, senjatament il-fatt li l-fedina penali ta' l-imputata a fol. 16 tal-proċess hija netta, a tenur ta 'l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, tissospendi it-terminu ta 'sentejn (2) priġunerija hawn impost fuq l-imputata għall-perijodu ta' erba' (4) snin b'effett mid-data ta 'din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar ir-responsabilità tagħha taħt l-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk hija tikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 24 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputata tħallas lil Francis Zarb *qua* sid tal-Maestrale Gourmet is-somma ta' €5,275, liema ħlas għandu jsir permezz ta' ħmistax-il (15) pagament rateali mensili konsekuttiv ta' €211 il-wieħed. L-ewwel pagament isir dovut u pagabbli fil-21 ta' Lulju 2023 u l-pagamenti suċċessivi jsiru dovuti u pagabbli fil-21 ġurnata ta' kull xahar sussegwenti u konsekuttiv sal-ħlas tas-somma intiera ta' €5,275.

Kemm-il darba l-imputata tonqos milli tħallas imqar wieħed mill-imsemmija pagamenti, hija tiddekadi mill-benefiċċju tat-terminu għall-ħlas u s-somma ta' €5,275 jew kwalunkwe bilanċ dovut minnha jsir immedjatament dovut fl-intier tiegħu u l-ħlas jista ' jiġi infurzat bl-istess mod bħallikieku din kienet ingħatat f'azzjoni ċivili bejnha u l-imsemmi Francis Zarb.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputata tħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-segwenti ammonti rappreżentanti spejjeż inkorsi għan-nomina ta' Esperti:

- €476.30 - spejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Tekniku Joseph M. Azzopardi fl-Inkjesta dwar is-serqa mill-Maestrale Gourmet fid-29 ta' Novembru 2018[61];
- €123.90 - spejjeż inkorsi għan-nomina tas-Scene of Crime Officer PC405 Jason Schembri fl-Inkjesta dwar is-serqa mill-Maestrale Gourmet fid-29 ta' Novembru 2018[62];
- €110.07 - spejjeż inkorsi għan-nomina tas-Scene of Crime Officer WPC369 Stephanie Cassar fl-Inkjesta dwar is-serqa mill-Maestrale Gourmet fid-29 ta' Novembru 2018[63];
- €495.60 - spejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar fl-Inkjesta dwar is-serqa mill-Maestrale Gourmet fid-29 ta' Novembru 2018[64];
- €915.68 - spejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Tekniku Dr. Martin Bajada fl-Inkjesta dwar is-serqa mill-Maestrale Gourmet fid-29 ta' Novembru 2018[65];
- €536.43 - spejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Dr. Anthony Cutajar fl-Inkjesta dwar is-serqa mill-Maestrale Gourmet fis-17 ta' Novembru 2018[66];

[61] Fol. 53 ta' l-atti ta' l-Inkejsta li tinsab a fol. 316 tal-proċess.
[62] Fol. 79 ta' l-atti ta' l-Inkejsta li tinsab a fol. 316 tal-proċess.
[63] Fol. 96 ta' l-atti ta' l-Inkejsta li tinsab a fol. 316 tal-proċess.
[64] Fol. 105 ta' l-atti ta' l-Inkejsta li tinsab a fol. 316 tal-proċess.
[65] A tergo ta' fol. 327 tal-proċess.
[66] A tergo ta' fol. 26 ta' l-atti ta' l-Inkejsta li tinsab a fol. 371 tal-proċess.

- €866.78 - spejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Tekniku Donald Tabone fl-Inkjesta dwar is-serqa mill-Maestrale Gourmet fis-17 ta' Novembru 2018[67]; u
- €102.40 - spejjeż inkorsi għan-nomina tas-Scene of Crime Officers WPC363 Caroline Meilak u PS826 Matthew Parnis fl-Inkjesta dwar is-serqa mill-Maestrale Gourmet fis-17 ta' Novembru 2018[68] -

Komplessivament ammontanti għal **€3,627.16**. Is-somma komplessiva ta' €3,627.16 għandha titħallas permezz ta' ħmistax-il (15) pagament rateali mensili konsekuttiv ta' €241.81 il-wieħed. L-ewwel pagament isir dovut u pagabbli fil-21 ta' Lulju 2023 u l-pagamenti suċċessivi jsiru dovuti u pagabbli fil-21 ġurnata ta' kull xahar sussegwenti u konsekuttiv sal-ħlas tas-somma intiera ta' €3,627.16.

Kemm-il darba l-imputata tonqos milli tħallas imqar wieħed mill-imsemmija pagamenti, hija tiddekadi mill-benefiċċju tat-terminu għall-ħlas u s-somma ta' €3,627.16 jew kwalunkwe bilanċ dovut minnha jsir immedjatament dovut fl-intier tiegħu u r-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali jkun jista' jmexxi fil-konfront tagħha kif dispost fl-Artikolu 533(2) u/jew (3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[67] Fol. 174 ta' l-atti ta' l-Inkejsta li tinsab a fol. 371 tal-proċess.
[68] Fol. 191 ta' l-atti ta' l-Inkejsta li tinsab a fol. 371 tal-proċess.